

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1492

tat-12 ta' Ottubru 2020

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tal-Proċeduri Operazzjonali Komuni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom <sup>(1)</sup> (il-"Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219 <sup>(2)</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.
- (2) Skont il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim ("il-Kumitat Konġunt") jista' jadotta deċiżjoni dwar il-proċeduri operazzjonali komuni ("COP") żviluppata mill-amministratur tar-reġistru Żvizzeru u mill-amministratur ċentrali tal-Unjoni li huma relatati ma' kwistjonijiet tekniċi jew oħrajn meħtieġa għall-operat tal-kollegament, b'kunsiderazzjoni tal-prijoritajiet tal-leġiżlazzjoni domestika. Wara, is-COP jidħlu fis-seħħ meta jiġu adottati bid-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt.
- (3) Waqt it-tielet laqgħa tiegħu li se ssir fl-2020, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta s-COP.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat Konġunt, peress li s-COP se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) L-adozzjoni tas-COP tirrappreżenta element importanti tal-implimentazzjoni tal-Ftehim, minħabba li tiddetermina l-proċeduri operazzjonali biex jaħdem il-kollegament u li ż-żewġ naħat għandhom isegwu.
- (6) Jeħtieġ li l-Kumitati Konġunt jistabbilixxi grupp ta' ħidma skont il-Ftehim biex jassisti lill-Kumitat Konġunt fil-funzjonijiet tiegħu skont il-Ftehim fir-rigward tal-iżvilupp ta' linji gwida tekniċi biex tkun żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim inkluż kwistjonijiet tekniċi jew kwistjonijiet oħra meħtieġa għall-operat tal-kollegament u b'kont meħud tal-prijoritajiet tal-leġiżlazzjoni domestika. Il-grupp ta' ħidma jenħtieġ li tal-inqas jinkludi l-amministratur tar-Reġistru Żvizzeru u l-amministratur ċentrali tal-Unjoni.
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-tielet laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tal-Proċeduri Operazzjonali Komuni kif ukoll l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma skont l-Artikolu 12(5) tal-Ftehim, għandhom ikunu bbażati fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż <sup>(3)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219 tat-23 ta' Jannar 2018 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (ĠU L 43, 16.2.2018, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ara d-dokument ST 10831/20 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Komitat Konġunt jistgħu jaqblu ma' tibdiliet minuri fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-12 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---